II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/702

**tat-13 ta' Lulju 2007**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Libanu, fuq in-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2003 u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Frar 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Libanu biex isir aġġustament tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Libanu, fuq in-naħa l-oħra ([1]), biex titqies l-adeżjoni tal-Istati Membri ġodda fl-UE.

(2) Dawn in-negozjati ntemmu għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni.

(3) It-test tal-Protokoll negozjat mar-Repubblika tal-Libanu jipprovdi, fl-Artikolu 9(2), għall-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Soġġett għall-possibilità tal-konklużjoni tiegħu aktar tard, il-Protokoll għandu jigi ffirmat f'isem il-Komunità u l-Istati Membri u applikat b'mod provviżorju,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat biex jaħtar persuna(i) li għandha/għandhom is-setgħa tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Libanu, fuq in-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 143, 30.5.2006, p. 2.

*Artikolu 2*

Il-Protokoll japplika b'mod provviżorju soġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar tard.

Magħmul fi Brussel, it-13 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. A. SANTOS